# INTERVISTA

# MA' SIMON MERCIECA

*Ir-Realta għamlet intervista ma' Dr Simon Mercieca; Direttur ta' l-Institut Tal-Mediterran u jgħallem fl-Università ta' Malta. Studja u analizza l-aspetti demografiċi ta' pajjiżna u kiteb ukoll artikli dwar dan is-suġġett.*

F'xogħlok trattajt ċertu studji importanti rigward l-urbanizzazzjoni u l-iżvilupp ta' pajjiżna mill-att storiku. Kif tikkumparah l-iżvilupp ta' pajjiżna llum ma' l-iżviluppi li saru fil-passat?

Xogħli huwa li nistudja l-aspetti demografiċi u dawn jinvolvu magħhom aspetti urbanistiċi. Ippublikajt numru ta' artikli dwar l-iżvilupp urban u riċentament ippublikajt artiklu mal-maġistrat Joseph Cassar fuq kif żviluppat il-Fgura fi ktieb li ħareġ bħala parti minn proġett tal-Unjoni Ewropeja msejjaħ METIC. Madanakollu xorta insostni li l-iżvilupp huwa neċessarju. Fl-1800 il-popolazzjoni ta' Malta kienet madwar 100,000 ruħ filwaqt li llum qbiżna l-400,000 u jżuruna mal-miljun turist fis-sena - dawn x'imkien iridu joqgħodu. Jeżistu problemi bħal pereżempju hawn ħafna propjeta abbundunata. Fl-istess waqt hemm il-fatt posittiv tal-proposti ġodda fuq il-liġi tal-kera anki jekk il-problemi ser jibqgħu.In-nies iridu jsibu fejn joqgħodu u jridu jsibu post diċenti. Fi żmien il-kavallieri kien hemm nies li kienu jgħixu f'palazzi enormi waqt li fl-istess ħin kien hemm nies li kienu jgħixu fl-għerien. Iġifieri ma nimmaġinawx li dawn l-aħħar erbgħa mitt sena kienu idilliċi. Qabel fl-irziezet ħlief dubbien u mard ma kienx ikun hemm għax in-nies kienu jgħixu ma' l-annimali. Forsi peress li kellhom aktar kuntatt ma' n-natura kellhom il-kapaċita li jibnu b'ċertu mod iżda kellhom inqas pressjoni demografika. Illum ngħixu taħt strutturi industrijali li qed joħolqu ċertu pressjonijiet demografiċi li jġiegħluna nibnu b'mod ieħor. Illum anke biex iżomm razzett rijabilitat għandek spiża kbira. Hemm nies sinjuri li illum jippreferu jgħixu ġo flat jew dar żgħira. Qabel dawn kienu assoċjati ma faqar ekonomiku. Fl-iżvilupp demografiku ta' dawn l-aħħar għoxrin sena ġraw tlett fatturi importanti; l-ewwel fattur huwa l-'baby crack' fejn m'għadx hawn iżjed il-mudell tall-fertilita naturali; t-tieni huwa li n-nies qiegħdin jgħixu aktar allura tikkreja żieda fil-popolazzjoni; t-tielet hija l-kwistjoni tal-barranin li jiġu hawn, kemm l-immigranti u kemm it-turisti. It-turisti waqt li jkun hawn, kemm jekk jumejn, ġimgħa, ġimgħatejn jew iktar, iridu jsibu post fejn joqgħodu. Min-naħa l-oħra kulħadd qiegħed jistenna li mhux biss jgħix iżda li jgħix tajjeb u dan kien fattur importanti li ġab il-'baby crack'. Dan il-fattur issa qiegħed jikkrea l-bżonn ta' prezenza ta' umani ġodda.

F'Mediterranean Seascapes ktibt artiklu rigward il-lokazzjoni tat-tarzna fi żmien il-kavallieri. Dan il-bini ġie mwaqqa' għaliex ma kienx rikkonoxxut bħala ta' preġju storiku. Il-kummenti tiegħek?

Fl-istudji tiegħi ta' l-istorja demografika, studjajt l-aspetti urbani fil-Port il-Kbir. L-iżvilupp urban huwa element importanti fl-iżvilupp tal-popolazzjoni u fost numru ta' artikli li ippubblikajt kien hemm artiklu fejn ippruvajt nanalizza fejn setgħet kienet it-tarzna f'Malta fi żmien medjevali mwaħħar. Mid-dokumentazzjoni deher ċar li kien hemm tarzna fil-Birgu, għalkemm wieħed ma jistax jitkellem dwar tarzna għaliex din tfisser affarijiet oħra li ma kienx hemm f'dan iż-żmien. Kienet aktar użata bħala 'ship-shed'*. Eventwalment ħdimt fuqha. Fil-fatt il-post fejn kien hemm din it-tarzna medjevali kien eżattament ħdejn il-Menqa, voldieri taħt Sant' Anġlu. Din it-tarzna sarulha żviluppi kbar fi żmien il-kavallieri u f'żmien it-Tieni Gwerra Dinija ntlaqtet mill-bombi. Fiż-żmien, wara l-iżvilupp tal-Birgu ġie deċiż illi dik iż-żona titwaqqa' biex minflok jinbnew numru t'appartamenti.



Kulħadd irid jifhem li l-iżvilupp għandu kemm l-aspetti negattivi kif ukoll posittivi tiegħu. Iżda meta wieħed jagħmel bilanċ irid jara li l-aspetti pożittivi ikunu akbar minn dawk negattivi. F'dan il-każ din il-prekawzjoni ma saritx sew.Kien hemm xi individwi li kienu kritiċi ħafna rigward dan l-aspett tal-proġett u naħseb li l-problema kienet li ittieħdu xi deċiżjonijiet mgħaġġla.L-iżviluppi li saru f'din iż-żona kienu kritikati ħafna u jidher ċar li min kien qed jagħmel il-kritika ġie mismugħ tant li l-gvern wera ċertu sensittivita lejhom. Iġifieri nies bħali li wrejna ċerta kirtika, l-amministrazzjoni tagħtna r-raġun bil-kummenti li eventwalment għamlet. Anke jekk ninsabu ippersegwitati bil-pulit minn certu individwi talli ikkritikajna d-deċiżjonijiet tagħhom.

Kif tikkunsidra l-pożizzjoni tiegħek bħala akkademiku rigward il-konfront ta' kritika fuq ix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet rigward is-siti storiċi?

Jien ma nagħmel parti ma' l-ebda organizzazzjoni; jien biss individwu li ktibt artikli rigward l-iżvilupp urban ta' pajjiżna. Biss inħoss li bħala storiku wieħed ma jistax jgħix biss fil-passat iżda jrid jgħix il-preżent ukoll u din hija xi ħaġa li ngħidha wkoll lill-istudenti li ngħallem. Il-kors ta' l-istorja huwa wieħed mill-aktar imfittxijha fl-Universita, u naħseb dan hu dovut għall-fatt li huwa importanti f'ħafna oqsma tall-ħajja tagħna. Kull akkademiku għandu xogħol partikolari għaliex għandu ċertu għarfien li ser jgħaddih lill-istudenti u dan l-għarfien ġie mgħoddi lilu mill-ġenerazzjonijiet ta' qablu waqt li hu kompla jibni fuqhu. Wieħed għandu wkoll ikun konxju li peress f'Malta l-unika riżorsa li għandna hi dik umana, hu importanti li din ir-riżorsa tkun indukratha u mkabbrha. F'dan il-kuntest nemmen li l-Universita qiegħdha tagħti kontribut kbir għall-ġid minħabba x-xogħol ta' ħafna akkedemiċi tagħha li huma konxji ta' l-affarijiet li qiegħdin jiġru madwarhom.

Il-fatt li f'dawn l-aħħar snin l-Universita kibret biex leħqet fil-preżent 10,000 ruħ għen biex f'pajjiżna ikun hawn aktar kuxjenza ambjentali u rurali. Biss baqa' ħafna xi jsir, speċjalment fil-qasam urbanistiku.



*Fin-nofs tistgħu taraw bini ġdid, li nbena minnflokk it-tarzna medjevali. It-triq hija mimlija bini storiku u dan l-iżvillupp jagħti ħafna kuntrast negattiv fil-preservazzjoni ta' belt storika.*

Kulħadd jaf jagħraf is-sabiħ mill-ikraħ għax kulħadd jaf jiġġudika xi ħaġa jekk hija kerha jew sabiħa. Anke fl-aspett uman u fin-natura tal-bniedem jintużaw kriterji astetiċi bbażati fuq is-sbuħija u l-eta'. Dan japplika wkoll fir-rigward ta' l-bini u dan jgħodd kemm għall-bini tal-preżent u kemm għal dak tal-passat. Irridu noqgħodu attenti li ma nagħmlux ġeneralizzazzjonijiet bħal pereżempju li qabel konna nibnu sabiħ biss jew li illum nibnu l-ikraħ biss. Madanakollu jibqa l-fatt li llum ħafna mill-iżvilupp qiegħed iweġġa l-għajn. Illum il-poplu huwa aktar konxju fuq l-affarijiet li qiegħed nitkellem dwarhom u jekk ma jkunx il-poplu li jitkellem dwarhom ser ikunu l-barranin. Eżempju ta' dan tawh xi ġurnali Ingliżi meta ġiet ir-reġina f'Malta. It-Telegraph ta' Londra semmiet li Malta rnexxiela ħafna fit-turiżmu iżda minn naħa l-oħra ma tantx kienet pożittiva fuq il-bini li sar fil-Qawra u San Pawl il-Baħar. Dan l-argument huwa wkoll importanti meta jidħol il-każ ta' bini li baqa' ħaj wara l-aħħar gwerra għaliex ħafna djar kbar qiegħdin jitwaqqgħu biex minnflok jinbnew il-flatsijiet. Irridu noqgħodu attenti u nagħmlu linji raġonevoli fejn irridu nibnu u ma nibnux. Iżda xorta ma nistgħux nitkellmu b'mod apoloġetiku għal pereżempju meta jingħad li għax qiegħed isir bini ġdid, qegħdin jitħaddmu ħafna nies. Irridu nistaqsu jekk dan l-investiment fl-aħħar minn l-aħħar huwiex temporanju jew li ser ikollu effetti pożittivi fit-tul. X'irid isir fl-aħħar minn l-aħħar, hu li niġġeneraw ix-xogħol, iżda dan m'għandux ikun għal sena iżda għall-mhedda ta' żmien twil. Illum ir-restawr jista' wkoll joħloq, u fil-fatt qiegħed joħloq xogħol iżda dan is-settur għandu sitwazzjoni fejn biex tir-restawra trid kważi aktar flus milli tibni. Dan qiegħed ikollu effetti negattivi li għandhom jiġu indirizzati.

X'taħseb li hu l-futur ta' dan l-iżvillupp?

Li Malta jrid ikun hawn żvilupp hu fattur ta' bil-fors u l-iżvilupp ma jistax jieqaf. F'termini ta' popolazzjoni naħseb li tonqos xi ftit, biss il-popolazzjoni hija fluwida ħafna għax hemm diversi fatturi li jġieluqħha tiżdied u tonqos.

Hemm pereżempju l-fattur ta' l-immigrazzjoni. Ħafna qegħdin jitkellem kontra l-immigranti meta fil-fatt għandna bżonn l-immigrazzjoni b'mod partikolari għal xogħlijiet li m'għadhomx jagħmluhom il-Maltin. Din hi r-realta. Meta tonqos il-popolazzjoni jinħoloq bżonn t'aktar nies. F'Malta hawn ċertu problemi li huma aktar ta' natura storika, għalhekk l-ewwel semmejt il-problema ta' l-liġi tal-kera u wkoll il-problema ta' l-iżvilupp fl-ibliet. Problema oħra hi li fil-passat ċertu strutturi kbar ġew maqsuma b'mod li llum ma jistgħux jerġgħu jiġu rranġati. Biss ma nistgħux nibqgħu bis-sitwazzjoni fejn jitwaqqgħu d-djar, kbar u sbieħ, biex minnflok jinbnew il-flatsijiet. F'każijiet tista ssir il-konverżjoni interna, hemm imbagħad problema oħra li wieħed għandu jikkunsidra. Il-bini storiku ta' pajjiżna spiċċa biss miqjus bħala dak mibni fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann.

Hemm bini riċenti li nbena fis-seklu dsatax u għoxrin li hu validu. Biss ix-xogħol irid isir b'mod serju għaliex ikollna xi farsa bħal ma ġara li kamra kerha mibnija fil-Forti Sant' Anġlu fi snin tmenin, tas-seklu għoxrin ġiet kkonservata meta m'għandha l-ebda valur, u bini ta' valur bħal ma kien dak tat-tarzna medjevali jew bini ieħor fil-Kottonera, speċjalment f'Bormla qed jitħalla' jitwaqqa' b'mod indiskriminat.

**Fiha kien biss isir tiswijiet tad-dgħajjes izda ma kienx isir bini ta' bastimenti, għalhekk ma kienitx tarzna għax b'din il-kelma nifhmu kemm il-bini u tiswija ta' vapuri u bastimenti.*